MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 669/2013

**Angelo MIFSUD [ID 386875M]**

**Vs**

**David CAMILLERI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-10 ta’ Ottubru, 2013** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta’ elf sitt mija u sebghin euro [€1,670] u dan wara li ppremetta hekk:

“Illi l-esponenti kien ghamel ordni ta’ xoghol ghal bank tal-kcina minghand il-konvenut liema xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha ghaliex l-istess bank tal-kcina inqasam;

Illi l-konvenut kien gie ordnat fl-10 ta’ Lulju, 2013 li jerga jaghmel ix-xogholijiet u cioe li jbiddel l-irhama in kwistjoni liema xoghol l-intimat m’ghamilx u baqa inadempjenti;

Illi l-esponenti kien hallas €1,670 ghal din l-irhama li l-konvenut gie ordnat li jbiddel u li ma biddel qatt oltre spejjez ta’ talba quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur. Illi ghalhekk dan it-Tribunal hu mitlub jillikwida d-danni konsistenti fir-rifuzjoni ta’ l-ispejjez ta’ l-irhama li huwa xtara minghand il-konvenut u l-ispejjez tal-kawza CCT110/13/GB.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali”.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-23 ta’ Ottubru, 2013 u li minkejja li ghadda t-terminu preskritt mill-ligi ghal preżentata tar-risposta baqa ma ressaq l-ebda risposta. Lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum.

Ra l-verbal tal-lum stess fejn id-difensur tar-rikorrenti talbet sabiex il-kawza tinstemgha llum stess a tenur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema talba intlaqghet.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Angelo Mifsud.

L-intimat imsejjah diversi drabi baqa ma deherx.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta’ elf sitt mija u sebghin euro [€1,670] rapprezentanti din is-somma l-ammont li r-rikorrenti hallas lill-intimat ghal wiċċ tal-bank tal-kcina.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehed li huwa kien ordna wiċċ tal-bank tal-kcina tat-tip quartz minghand l-intimat u ghal dan il-wicc huwa hallas is-somma ta’ elf sitt mija u sebghin euro

(€1,670). L-istess rikorrenti xehed ukoll li wara xi xhur li l-wicc tal-bank tal-kcina kien gie installat, dan inkiser u meta l-intimat mar fuq il-post biex jarah, kien l-istess intimat li qallu sabiex jaghmillu xi tip ta' support ghax inkella jkun ta' periklu ghat-tfal u ghar-rikorrenti. Ir-rikorrenti xehed ukoll li l-intimat kien weghdu li kien ser ibiddel dan il-wicc iżda minkejja l-weghdiet kollha baqa ma ghamel xejn.

Sahansitra, kompla jghid ir-rikorrenti, huwa ressaq lill-intimat quddiem it-Tribunal ghal-Talbiet tal-Konsumatur iżda minkejja dan u minkejja d-decizjoni ta' dak it-Tribunal ta' l-10 ta' Lulju, 2013 huwa baqa ma ghamel xejn. Di fatti, skond ma jirrizulta mill-imsemmija deċiżjoni, dak it-Tribunal kien ordna lill-intimat odjern sabiex "*... ibiddel l-irhama in kwistjoni kompletament u jerga' jarmaha b'mod sikur u skond is-sengha u l-arti*". Kif diġà inghad, l-intimat sal-lum baqa ma ghamel xejn minn dak lilu ordnat.

Kien ghalhekk li r-rikorrenti adixxa quddiem dan it-Tribunal sabiex issa jitlob ir-rifuzjoni tal-flejjes minnu minfuqa ghal dan il-wicc. Ir-rikorrenti esebixxa invoice/cash sale, fejn hemm indikat li l-wicc tal-kcina, bil-materjal u bit-tqeghid sewa' l-ammont reklamat fit-talba odjerna.

It-Tribunal ra ukoll ir-rapport tal-Perit Ennio Ellul datat 14 ta' Mejju, 2013.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta’ l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f’kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat fit-23 ta’ Ottubru, 2013 u baqa ma ntavola l-ebda risposta fit-terminu ta’ tmintax (18)-il ġurnata li tipprovdi l-ligi u lanqas ma deher biex jispjega l-posizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal llum.

6. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova da parti ta’ l-intimat li b’xi mod turi li dak li intqal mir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba tieghu u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elf sitt mija u sebghin euro [€1,670] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------